ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY
Stqarrija għall-Istampa

*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/PR/12/20

# Tnediet il-konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-opinjoni tas-SEAC dwar ir-restrizzjoni ta' erba' ftalati

## Il-partijiet ikkonċernati huma mistiedna jikkummentaw dwar l-abbozz tal-opinoni tas-SEAC dwar proposta ta' restrizzjoni li għandha l-għan li tillimita l-espożizzjoni għall-bnedmin minn erba' ftalati - DEHP, DBP, BBP, u DIBP - f'oġġetti tal-konsumatur. Id-data ta' għeluq għall-ilqugħ tal-kummenti hija t-3 ta' Settembru 2012.

**Ħelsinki, 6 ta' Lulju 2012** – Minn Settembru 2011 sa Marzu 2012 ġiet organizzata konsultazzjoni pubblika tal-proposta ta' restrizzjoni, ippreżentata mid-Danimarka, dwar erba' ftalati. Il-proposta ġiet diskussa fil-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji (RAC - Risk Assessment Committee) tal-ECHA u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-ekonomika (SEAC - Socio-economic Analysis Committee), filwaqt li ġew ikkunsidrati l-kummenti riċevuti matul il-konsultazzjoni pubblika li saret aktar kmieni u l-pariri mill-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar.

Ir-RAC adotta l-opinjoni tiegħu billi kkonkluda li d-dejta disponibbli ma tindikax li hemm riskju attwali minn espożizzjoni kkombinata għall-erba' ftalati. Il-Kumitat kien tal-fehma wkoll li l-miżuri regolatorji eżistenti u t-tnaqqis konsegwenti fl-użu jkomplu jnaqqsu iktar l-espożizzjoni. Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, matul il-laqgħa tiegħu f'Ġunju, ir-RAC ikkonkluda li r-restrizzjoni proposta mhijiex iġġustifikata.

Sussegwentament, b'konformità mal-opinjoni tar-RAC, is-SEAC qabel dwar abbozz ta' opinjoni li ma hemm ebda bażi għal opinjoni ta' appoġġ minħabba li ma ntweriex li hemm riskju minn espożizzjoni kkombinata.

B'konformità mar-Regolament REACH, issa l-ECHA qiegħda tniedi konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-opinjoni tas-SEAC. Il-kummenti li jidħlu sejrin jiġu analizzati u kkunsidrati mis-SEAC fl-opinjoni finali tiegħu, li hija skedata għall-adozzjoni sal-15 ta' Diċembru 2012.

Wara dan, l-Aġenzija sejra tippreżenta l-opinjonijiet tar-RAC u s-SEAC lill-Kummissjoni Ewropea. Id-deċiżjoni finali dwar ir-restrizzjoni sejra tittieħed mill-Kummissjoni Ewropea.

## Aktar informazzjoni

Dettalji dwar il-konsultazzjoni u link għall-kummenti
http://echa.europa.eu/mt/restrictions-under-consideration

Stqarrija għall-istampa dwar l-opinjoni adottata mir-RAC u l-abbozz ta’ opinjoni li sar qbil dwaru mis-SEAC dwar il-proposta ta’ restrizzjoni ta’ erba’ ftalati
http://echa.europa.eu/mt/web/guest/view-article/-/journal_content/926431e7-3a71-4f06-b22c-9c6b54966df3

Paġna fuq l-internet dwar ir-restrizzjoni
http://echa.europa.eu/mt/regulations/reach/restriction

Abbozz ta’ opinjoni tas-SEAC ippreżentat għall-konsultazzjoni pubblika
http://echa.europa.eu/mt/restrictions-under-consideration

**Gwida dwar ir-Rekwiżiti tal-Informazzjoni u l-Valutazzjoni tas-Sigurtà Kimika għal nanomaterjali:**
http://echa.europa.eu/mt/guidance-documents/guidance-on-information-requirements-and-chemical-safety-assessment